MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## SILVIO MELI

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 747/2004

**Anthony De Brincat**

**vs**

**Simone De Brincat, Lydia Vella u Maria Concetta sive Connie Gauci**

Il-Qorti,

1.0. Rat ic-citazzjoni fl-ismijiet fuq indikati datata s-6 t'Ottubru, 2004, li permezz taghha l-attur espona s-segwenti:

1.1. Illi l-attur Anthony De Brincat hu eredi ta' Concetta De Brincat, Giuseppe De Brincat, u ta' Francis De Brincat – b'dan tal-ahhar eredi ta' missieru Antonio De Brincat;

1.2. Illi l-konvenuti fuq riferiti huma l-eredi ta' Pubblius De Brincat – li min naha tieghu kien eredi ta' Antonio, Concetta u Giuseppe ilkoll De Brincat fuq gia` riferiti;

1.3. Illi l-kontendenti huma koproprjetarji ta' diversi proprjetajiet formanti parti mill-assi ereditarja t'Antonio, Concetta u Giuseppe De Brincat fuq gia` imsemmija;

1.4. Illi l-attur skopra li l-konvenuti zammew mistura diversi proprjetajiet li jappartjenu lill-kontendenti;

1.5. Illi *di piu`*, amministaw l-istess minghajr il-kunsens u bl-eskluzjoni tal-attur;

1.6. Illi l-konvenuti zammew ghalihom il-qliegh rizultanti mill-amministrazzjoni tal-istess proprjetajiet;

1.7. Illi *nonostante* li l-attur interpella lill-konvenuti biex jaghtu rendikont dettaljat tal-amministrazzjoni taghhom u tad-dhul rikavat mill-istess, dawn baqghu inadempjenti;

1.8. Illi ghalhekk talab lil din il-qorti biex prevja kull dikjarazzjoni mehtiega il-konvenuti jghidu ghaliex din il-qorti m'ghandhiex:

1.8.1. Tordna lill-konvenuti jaghtu rendikont tal-amministrazzjoni taghhom, anke permezz ta' periti nominandi;

1.8.2. Tillikwida l-qliegh li temana mill-amministrazzjoni tal-koproprjeta` ezistenti bejn il-kontendenti, anke permezz ta' periti nominandi;

1.8.3. Tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attur sehemhu mill-qliegh li emana mill-amministrazzjoni *de quo*;

1.8.4. Bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

2.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti Simone De Brincat u Lydia Vella datata l-20 t'Ottubru, 2004, li permezz taghha eccepew is-segwenti:

2.1. Illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt;

2.2. Illi l-attur jaf sew liema hi l-proprjeta` komuni bejniethom;

2.3. Illi l-istess attur jaf sew ukoll li minn din il-proprjeta` il-konvenuti m'hu qed jircievu l-ebda renti;

2.4. Illi m'ghandhomx ibatu spejjez;

2.5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

3. Rat il-verbal datat is-7 ta' Marzu, 2005, li permezz tieghu gie ivverbalizzat li l-konvenuta Maria Concetta sive Connie Gauci kienet giet debitament notifikata bic-citazzjoni promotrici u bl-avviz ghas-smiegh tal-istess fid-29 t'Ottubru, 2004, (ara fol 15 u 11 rispettivament);

4. Illi konsegwenza tal-verbal indikat fil-paragrafu precedenti jigi sottolineat li ghalhekk il-konvenuta Gauci hemm riferita qieghda fi stat ta' kontumacja;

5.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-istess konvenuti fuq gia` riferiti Simone De Brincat u Lydia Vella, datata s-6 ta' Novembru, 2006, li permezz taghha eccepew ulterjorment is-segwenti: (ara fol 290);

5.1. Illi t-talba attrici hi preskritta *ai fini* tal-artiklu 845 tal-Kodici Civili, stante li t-talbiet tal-attur huma bbazati fuq wirt ta' Francis de Brincat li ilu mejjet mill-1954;

5.2. Illi dan hu wkoll sostenut mis-sentenzi indikati mill-istess konvenuti fl-imsemmija nota tal-eccezzjonijiet taghhom;

6. Rat id-digriet ta' din il-qorti diversament preseduta datat it-23 t'April, 2008, li permezz tieghu awtorizzat lill-kontendenti biex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet dwar l-eccezzjoni ulterjuri minnhom ipprezentata fis-6 ta' Novembru, 2006, u dan, skont il-modalita` hemm indikata, (ara fol 376), u li permezz tal-istess il-procedura kienet

differita ghas-sentenza parzjali, fid-data hemm indikata, (ara fol 376);

7.0. Rat nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri sussegwenti tal-istess konvenuti Simone De Brincat u Lydia Vella, din id-darba datata l-4 ta' Gunju, 2008, li permezz taghha sintetikament eccepew ukoll is-segwenti:

7.1. Illi t-talbiet atturi ghandhom jigu michuda wkoll stante li preskritti *ai termini* tal-artiklu 2143 tal-Kodici Civili;

7.2. Illi t-talbiet attrici huma bbazati fuq wirt ta' Francis de Brincat, Concetta de Brincat, Giuseppe de Brincat u Francis de Brincat, li ilkoll ilhom mejta ghal aktar minn tletin (30) sena, (ara fol 379);

8.0. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenuti Simone de Brincat u Lydia Vella datata l-4 ta' Gunju, 2008, li sintetikament jesponu s-segwenti: (ara fol 381)

8.1. Illi fl-istess nota in dizamina qed jigu indirizzati z-zewg eccezzjonijiet ulterjuri sollevati minnhom senjatament:

8.1.1. Dik rigwardanti l-preskrizzjoni *ai termini* tal-artiklu 845 tal-Kodici Civili, (ghaxar (10) snin);

8.1.2. Dik rigwardanti l-preskrizzjoni *ai termini* tal-artiklu 2143 tal-Kodici Civili, (tletin (30) sena);

8.2. Illi din hi kawza ghal divizjoni tal-wirt ta' Francis de Brincat li miet fl-1954;

8.3. Illi *ai termini* tal-artiklu 845 tal-Kodici Civili t-talba kellha ssir mhux aktar tard mill-eghluq ta' ghaxar (10) snin minn meta miet l-imsemmi Francis de Brincat, u dan, anke in vista tal-gurisprudenza citata;

8.4. Illi *ai termini* tal-artiklu 2143 tal-istess Kodici fuq citat, it-talba kellha ssir fi zmien tletin (30) sena mill-mewt tal-istess Francis de Brincat;

9.0. Illi *nonostante* s-suespost, l-istess konvenuti Simone de Brincat u Lydia Vella intavolaw rikors datat it-13 ta' Gunju, 2008, li permezz tieghu talbu s-segwenti: (ara fol 388)

9.1. Illi jigu awtorizzati jipprezentaw eccezzjonijiet ulterjuri a bazi tal-artiklu 728 (2) tal-Kodici t'Organizzazzjoni u Procedura Civili;

9.2. Illi l-eccezzjonijiet *de quo* huma ibbazati fuq il-preskrizzjoni *ai termini* tal-artiklu 2143 tal-Kodici Civili fuq gia` riferit;

9.3. Illi *ai termini* tal-artiklu 2112 tal-Kodici Civili, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tinghata f'kull waqt tal-kawza;

10.0. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-attur Anthony De Brincat datata d-29 ta' Lulju, 2008, li permezz taghha sintetikament issottometta s-segwenti:

10.1. Illi joggezzjona bil-qawwa ghall-mod kif il-konvenuti ssottomettew in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri minghajr ma talbu preventivament l-awtorizzazzjoni tal-qorti;

10.2. Illi l-konvenut ma nghatax l-opportunita` jressaq il-provi tieghu dwar l-eccezzjoni ulterjuri tal-4 ta' Gunju, 2008, (ara paragrafu sebgha punt zero, (7.0) aktar qabel);

10.3. Illi kemm –il darba ghalhekk din il-qorti tghaddi biex tiddeciedi l-istess eccezzjoni, id-dritt fundamentali taghha ghal smiegh xieraq jigi lez;

10.4. Illi s-sottomissjonijiet *de quo* huma ghalhekk limitati ghall-eccezzjonijiet ulterjuri tas-6 ta' Novembru, 2006, fuq indikati, u jekk ikun il-kaz, sussegwentement tinghata l-opportunita` lill-konvenut iressaq il-provi tieghu dwar l-eccezzjoni ulterjuri datata l-4 ta' Gunju, 2008, fuq riferita, (ara paragrafu tmienja punt zero, (8.0) aktar qabel);

10.5. Illi rigward l-eccezzjoni ulterjuri datata s-6 ta' Novembru, 2006, il-konvenut isostni sintetikament is-segwenti:

10.5.1.Illi l-artiklu 845 tal-Kodici Civili jistabbilixxi li meta azzjoni tkun biex jintalab il-wirt … sew b'testment jew *ab intestate …* din tispicca bl-eghluq ta' ghaxar (10) snin mill-ftuh tas-successjoni;

10.5.2. Illi *di piu`*, ghall-minuri u l-interdett, l-istess azzjoni fuq indikata ma tispiccax hlief eghluq sena minn dak inhar li jsiru ta' eta`, jew l-interdizzjoni tispicca, skont il-kaz;

10.6. Illi fil-kawza odjerna, il-konvenut la qed jitlob ghall-wirt, la ghall-legat u lanqas ghall-legittima;

10.7. Illi t-talba tal-konvenut hi biss ghall-:

10.7.1. Rendikont tal-amministrazzjoni tal-konvenuti;

10.7.2. Segwita bil-likwidazzjoni tal-qliegh dovut mill-istess amministrazzjoni;

10.7.3. Sehem mill-qliegh rikavat mill-istess amministrazzjoni;

10.8. Illi l-konvenut ma wiritx minghand Francis De Brincat biss, izda wkoll minghand Concetta De Brincat, Giuseppe De Brincat, Vincentius de Brincat u Antonius de Brincat;

10.9. Illi rigward il-kazistika citata mill-konvenuti, l-attur isostni sintetikament is-segwenti:

10.9.1. Illi l-konvenuti lanqas biss iddenunzjaw il-proprjeta` kollha;

10.9.2. Illi l-kazistika citata hi pjuttost irrilevanti ghall-kaz odjern kemm ghaliex kaz minnhom jitkellem fuq il-*legittima portio*, kif ukoll ghaliex m'ghandhomx x'jaqsmu mal-fattispeci tal-kawza odjerna;

10.9.3. Illi hu biss fil-kaz, **Borg vs Bianco, tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili** datat it-**12 ta' Jannar, 2003**, li hu attinenti ghall-kaz odjern stante li hawn il-qorti sostniet li l-artiklu 845 tal-Kodici Civili ma japplikax bhal ma dan l-istess artiklu ma japplikax ghall-kaz odjern;

11. Rat il-verbal ta' din l-istess qorti diversament preseduta datat l-20 ta' Jannar, 2009, fejn il-kawza regghet thalliet ghas-sentenza ghad-data hemm indikata, (ara fol 397);

12. Rat il-verbali tas-27 ta' Jannar, 2009, u 5 ta' Frar tal-istess sena, fejn il-kawza regghet giet differita ghas-sentenza ghad-dati hemm indikati, (ara fol 398 u 399);

13.0. Rat is-sentenza ta' din il-qorti diversament preseduta datata l-20 ta' Mejju, 2009, li wara li rat l-atti relattivi ddikjarat is-segwenti: (ara fol 401)

13.1. Illi l-attur ghandu ragun;

13.2. Illi tidderiegi l-konvenuti biex isegwu l-procedura korretta ghall-prezentata ta' nota ta' l-eccezzjonijiet ulterjuri;

13.3. Illi l-istess nota indikata fil-paragrafu precedenti ghandha:

13.3.1. Tigi awtorizzata mill-qorti;

13.3.2. Tigi notifikata lill-kontroparti;

13.3.3. Il-kontroparti ghandu jkollu l-opportunita` biex:

13.3.3.i. Iressaq il-provi;

13.3.3.ii. Jitratta l-istess eccezzjoni;

13.4. Illi konsegwenza tal-istess giet ukoll sospiza l-prolazzjoni tas-sentenza;

14. Rat ir-rikors tal-konvenuti datat is-27 ta’ Mejju, 2009, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu d-debita awtorizzazzjoni biex jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri, (ara fol 405);

15. Rat ir-risposta tal-attur datata l-15 ta’ Gunju, 2009, li permezz taghha ghalkemm giet irrikjamata il-futilita` tat-talba ghall-ispeditezza tal-procedura, xorta iddikjara li ma kellu l-ebda oggezzjoni li jitressqu l-eccezzjonijiet mixtieqa mill-konvenuti *purche*` l-kwistjoni tigi trattata b’nota tal-osservazzjonijiet, u l-procedura tkun tista’ tithalla ghas-sentenza, (ara fol 413);

16. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat it-23 ta’ Gunju, 2009, li permezz tieghu laqghet it-talba tal-konvenuti, (ara paragrafu numru erbatax (14) aktar qabel), bid-dritt ta’ l-attur ghar-risposta u ghall-provi relattivi, (ara fol 414);

17.0. Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti datata s-6 ta’ Lulju, 2009, li permezz taghha sintetikament eccepew is-segwenti: (ara fol 416);

17.1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li preskritti *ai termini* tal-artiklu 2143 tal-Kodici Civili, (dik relattiva ghall-perjodu ta’ tletin (30) sena);

17.2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri;

18.0. Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuti ghad-digriet tal-qorti tat-23 ta’ Gunju, 2009, (ara paragrafu sittax (16)), li permezz tieghu irrispondew is-segwenti: (ara fol 418)

18.1. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda stante li preskritti *ai termini* tal-artiklu 845 tal-Kodici Civili, (dik ta’ ghaxar (10) snin);

18.2. Illi dan hu wkoll konfortat bil-kazistika hemm indikata li a skans ta’ ripetizzjoni inutili mhux qed tigi hawn riprodotta;

18.3. Illi *di piu`*, l-azzjoni hi wkoll preskritta *ai termini* ta' l-artiklu 2143 tal-Kodici Civili, (dik ta' tletin (30) sena);

19. Rat ir-rikors tal-attur datat is-17 t'Awwissu, 2009, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talab li l-kawza tithalla shas-smiegh tal-provi dwar l-eccezzjoni preliminari taht l-artiklu 2143 tal-Kodici Civili, (ara fol 419);

20. Rat id-digriet taghha diversament preseduta datat l-24 ta' Marzu, 2010, li permezz tieghu halliet il-kawza ghall-provi attrici rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata u indikata fil-paragrafu precedenti, (ara fol 423);

21. Rat ukoll id-digriet taghha diversament preseduta datat id-19 t'April, 2010, li permezz tieghu ordnat is-smiegh tal-provi tal-attur dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni jitressqu f'seduta ohra, (ara fol 425);

22. Rat id-digriet taghha datat il-31 t'Ottubru, 2012, li permezz tieghu awtorizzat lill-partijiet biex jipprezentaw noti ta' sottomissjonijiet fil-modalita` hemm indikata u sussegwentement biex jitrattaw il-kaz oralment;

23. Ezaminat ix-xhieda kollha prodotta flimkien mad-dokumenti kollha esebiti;

24. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet sottomessi mill-partijiet rispettivi, dik tal-attur datata l-21 ta' Jannar, 2013, (ara fol 534), u bl-aggunta datata t-28 ta' Jannar, 2013, (ara fol 542), u dik tal-konvenuti datata t-28 ta' Frar, 2013, (ara fol 545);

25. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

26.0. Illi ghandu jigi immedjatament sottolineat li l-procedura adoperata hawn riskontrata u fuq sintetikament kostruwita mhix dik idonea ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja stante li wasslet biss ghal:

26.1. Ripetizzjoni ta’ proceduri adottati mill-partijiet;

26.2. Zvijar inutili tal-vertenza vera u proprja;

26.3. Hela kbira ta’ zmien ghal kull min kien involut fil-kontestazzjoni sollevata;

27.0. Illi effettivament din il-vertenza spiccat diviza f’zewg (2) kwistjonijiet kif sollevati mill-partijiet, senjatament:

27.1. It-talba attrici ghall-rezakont tal-amministrazzjoni tal-konvenuti, bil-konsegwenti likwidazzjoni involuta u jekk ikun il-kaz, bil-kundanna dovuta, u

27.2. L-eccezzjonijiet preliminari sollevati mill-konvenuti rigwardanti l-preskrizzjonijiet riferiti aktar qabel;

28. Illi ghandu jkun pacifiku li l-ewwel vertenza li ghandha tigi indirizzata ghandha tkun dik rigwardanti l-preskrizzjonijiet sollevati mill-konvenuti u ghandu jkun biss sussidjarjament f’kaz t’ezitu negattiv, li tkun tista’ tigi ndirizzata l-vertenza fil-meritu;

Ikkunsidrat:

29.0. Illi rigward iz-zewg kapi ta’ preskrizzjoni sollevati mill-konvenuti ghandu sintetikament jinghad is-segwenti:

29.1. Illi l-artiklu 845 tal-Kap 16 sollevat mill-konvenuti jistabbilixxi s-segwenti:

29.1.1. Illi “l-azzjoni biex jintalab wirt, jew legat, jew legittima, jew is-sehem tal-beni li ligi taghti lit-tfal illegittimi jew lil zewg jew mart il-mejjet, sew fis-successjonijiet b’testment kemm ukoll f’dawk *ab intestato*, tispicca bl-eghluq ta’ ghaxar (10) snin mill-ftuh tas-successjoni”;

29.1.2. Illi l-istess artiklu jkompli, “izda, ghall-minuri, jew ghall-interdetti, l-azzjoni fuq imsemmija ma tispiccax hlief eghluq sena minn dak in-nhar li huma jsiru ta’ l-eta`, jew li l-interdizzjoni tispicca, kif ikun il-kaz”;

29.2. Illi ghandu jkun pacifiku li l-artiklu 845 tal-Kap 16 fuq citat jindiriza talbiet specifici, senjatament dawk rigwardanti “wirt”, “legat”, “legittima”, “sehem tal-beni li ligi taghti lit-tfal illegittimi” jew lis-superstiti minn zwieg;

29.3. Illi l-ebda wiehed minn dawk il-kazijiet elenkati ma jirrigwarda r-rezakont amministrattiv indirizzat mill-attur fic-citazzjoni promotrici tieghu;

29.4. Illi kif ben irritjena l-attur fin-nota ta’ referenzi tieghu immarkata Dok. RS 1 li a skans ta’ ripetizzjoni inutili mhux qed tigi hawn riprodotta, il-preskrizzjoni hawn sollevata mill-konvenuti hi ghal kollox irrilevanti u ma tapplikax ghall-meritu in dizamina;

29.5. Illi konsegwentement qed tirrespingi din l-ewwel eccezzjoni preliminari tal-konvenuti, bl-ispejjez kontra taghhom;

Ikkunsidrat:

29.6. Illi l-artiklu 2143 tal-Kap 16 sollevat mill-konvenuti jistabbilixxi s-segwenti:

29.6.1. Illi “l-azzjonijiet kollha, reali, personali, jew misti jaqghu bil-preskrizzjoni eghluq tletin (30) sena, u ebda oppozizzjoni ghall-preskrizzjoni ma tista’ ssir minhabba n-nuqqas ta’ titolu jew ta’ bona fidi”;

29.6.2. Illi fir-rigward ghandu jigi sintetikament rilevat is-segwenti:

29.6.2.i. Illi l-kontendenti kienu jaqsmu r-rikavat ricevut minn xi proprjetajiet li wirtu flimkien, izda minn ohrajn kif sollevat mill-attur, jidher li dan l-attur ma rceva xejn ghalkemm jippretendi xi rikavat;

29.6.2.ii. Illi effettivament il-proprjetajiet in dizamina meritu tal-kontestazzjoni odjerna gew abbilment deskritti mill-konvenuta Simone De Brincat fl-affidavit u l-kontroezami taghha, (ara fol 472 *et sequitur* u 528 *et sequitur*), fejn essenzjalment jirrizulta s-segwenti:

29.6.2.ii.1. Illi l-qabar *de quo* kien ilu fil-familja De Brincat zmien twil;

29.6.2.ii.a. **Illi rigward il-fond 35, gia` 76, gia` 68, Triq il-Kapuccini, il-Furjana**, ghandu jinghad li dan hu biss wirt Publius, missier il-konvenuti;

29.6.2.ii.b. Illi l-kera rikavata mill-imsemmi fond indikat fil-paragrafu precedenti kienet tinqasam bejn it-tlett (3) konvenuti;

29.6.2.ii.c. Illi meta l-fond *de quo* kellu hsarat kbar kien l-istess Publius fuq indikat li kien imharrek fl-azzjoni kriminali biex jaghmel tajjeb ghall-hsarat riskontrati u effettivament, il-hsarat ristrutturali ghamel tajjeb ghalihom minn butu;

29.6.2.ii.d. Illi l-istess fond hawn in dizamina kien ghadda ghand l-imsemmi Publius fl-1922;

29.6.2.ii.e. Illi rigward il-**qabar fl-Addolorata** indikat mill-konvenuta *de quo* jinghad is-segwenti:

29.6.2.ii.f. Illi rigward il-fond **48, Triq l-Iljun, Furjana**, jinghad is-segwenti:

29.6.2.ii.f.1.Illi effettivament dan hu gorbog konsistenti biss f'kamra u kantina;

29.6.2.ii.f.2.Illi l-konvenuti ma jircievu l-ebda tip ta' rikavat;

29.6.2.ii.f.3. Illi l-istess fond kien gie rekwizizzjonat;

29.6.2.ii.g. Illi rigward il-fond **27 u 28, Sqaq Sant'Anna, l-Hamrun**, ghandu jinghad is-segwenti:

29.6.2.ii.g.1. Illi l-attur kien ben informat fir-rigward tant li meta kien hemm il-htiega fetah proceduri l-qorti flimkien mal-konvenuti biex jittutela l-pozizzjoni tieghu;

29.6.2.ii.g.2. Illi l-kera dovuta fir-rigward kienet tigi depozitata l-qorti;

29.6.2.ii.h. Illi rigward proprjeta` mikrija lil certu Vella ghandu jinghad is-segwenti:

29.6.2.ii.h.1. Illi din iggib in-numru 30/31, Sqaq Numru 3, Triq il-Kbira, l-Hamrun;

29.6.2.ii.h.2. Illi l-konvenuta Simone De Brincat bdiet tigbor il-kera *de quo* mill-1992 wara li miet il-papa` taghha, sal-2001;

29.6.2.ii.h.3. Illi l-attur m'ghandu l-ebda relazzjoni mal-fond *de quo*;

30. Illi jirrizulta li qabel il-konvenuti, l-amministrazzjoni tal-fondi fuq elenkati kienet issir mill-papa` taghhom, Publius, li miet fl-1991;

31. Illi mid-data tal-mewt tal-imsemmi Publius – data li fiha l-amministrazzjoni ghaddiet ghand il-konvenuti fejn jidher li r-responsabbilita` effettiva ghall-istess ghaddiet ghand il-konvenuta Simone De Brincat – sad-data tal-prezentata tal-azzjoni odjerna, (ara paragrafu numru wiehed (1) aktar qabel), ma jirrizultax li ghadda l-perjodu ta' tletin (30) sena sollevat mill-konvenuti;

32. Illi konsegwentement anke din l-eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni bit-trapass ta' tletin (30) sena ma tirrizultax assodata u konsegwentement qed tirrespingi wkoll din l-eccezzjoni bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Ikkunsidrat:

33.0. Illi fil-meritu tal-procedura in dizamina jirrizulta generikament is-segwenti:

33.1. Illi l-proprjeta` in dizamina fuq riferita jew tirrizulta esproprijata, jew bil-kera depozitat fir-registru tal-qorti jew infruttifera;

33.2. Illi *di piu`*, jirrizulta li l-attur ma hux daqshekk sajjem mid-dettalji kif irrizultaw in atti stante li jirrizulta li dejjem kien *au currant* ta' dak kollu rigwardanti il-proprjetajiet fuq elenkati;

33.3. Illi jidher ghalhekk li l-animu wara l-procedura *de quo* irid jinstab mhux f'xi deficjenzi amministrattivi li ma jirrizultawx stante li l-istess attur ma ipprova li ghandu l-ebda jeddijiet fir-rigward, izda x'imkien iehor li din il-qorti hi prekluza milli tindaga;

**DECIDE:**

34.0. Illi ghalhekk, in vista tal-premess din il-qorti hi sodisfatta li l-attur Anthony De Brincat ma ipprovax il-kaz tieghu skont il-ligi u konsegwentement filwaqt li:

34.1. Tirrespingi t-talbiet kollha tal-attur Anthony De Brincat;

34.2. Takkolji l-eccezzjoni fil-meritu sollevati mill-konvenuti Simone de Brincat u Lydia Vella;

34.3. Tiddikjara lill-konvenuta Maria Concetta sive Connie Gauci kontumaci u konsegwentement tikkundannaha thallas l-ispejjez relattivi ghaliha;

34.4. Tikkundanna fil-bqija lill-attur Anthony De Brincat ghall-ispejjez procedurali kollha rimanenti.

___________________
Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------